MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Avviż

# ARM Asset Backed Securities SA

Fid-29 ta'Awwissu, l-MFSA ġiet infurmata mir-regolatur tas-servizzi finanzjarji fil-Lussemburgu, l-Commission de Surveillance du Secteur Financier ("CSSF"), illi kienet ċaħdet awtorizzazzjoni lill-ARM Asset Backed Securities SA ("ARM") bħala kumpannija ta' *securitisation.*

ARM hija kumpannija reġistrata fil-Lussemburgu li kienet ħarget bonds li daħlu fl-elenku tal-Borża tal-Irlanda. F'Novembru tal-2010, il-Bank Ċentrali tal-Irlanda issospenda n-negozju tagħhom sakemm jitlesta l-proċess regolatorju fil-Lussemburgu. Għalkemm ARM ma kellhiex bżonn ta' liċenzja, hija kienet għamlet talba biex il-bonds li toħroġ ikunu awtorizzati mis-CSSF, liema talba issa ġiet miċħuda. Il-bonds tal-ARM jinbiegħu minn diversi intermedjarji finanzjarji f'numru ta' pajjiżi, inkluż Malta.

Id-deċiżjoni tar-regolatur fil-Lussemburgu tfisser li, sakemm jingħata avviż ieħor, kull pagament mill-ARM huwa sospiż, inkluż kull fidi ta' bonds jew ħlas ta' nteressi. L-ARM tista' tappella mid-deċiżjoni tas-CSSF fi żmien erba' ġimgħat. F'każ li ma jsirx appell u d-deċiżjoni tas-CSSF issir finali, dan ikun ifisser li jrid jinbeda l-proċess tax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-ARM.

L-MFSA qegħda f'kuntatt mas-CSSF, il-Bank Ċentrali tal-Irlanda kif ukoll mal-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji fl-Ingilterra (l-FSA) dwar dawn l-iżviluppi fl-ARM, u se tibqa' ssegwi dawn l-iżviluppi flimkien mar-regolaturi msemmija.

L-Awtoritá talbet lill-intermedjarji finanzjarji li biegħu prodotti tal-ARM f'Malta sabiex iżommu lill-klijenti aġġornati dwar żviluppi li jolqtu l-investimenti tagħhom. Kull persuna li xtrat bonds jew investiet b'xi mod ieħor fi prodotti tal-ARM għandha tikkuntattja l-intermedjarju finanzjarju tagħha għal aktar informazzjoni dwar l-investiment tagħha.

L-istqarrija maħruġa mis-CSSF tista' tinqara mil-link:
http://www.cssf.lu/fileadmin/files/Publications/Communiques/Communiques_2011/RP_11_28_ARM_290811.pdf

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**MFSA Ref: 39-2011**
**31 ta' Awissu 2011**